MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1183/2014

**Fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat**
**għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1959/14**
**maħruġ fit-12 ta' Diċembru, 2014 fl-ismijiet:**

**DOM Communications Limited (C62617)**

**vs**

**Office Group Limited (C39197)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Office Group Limited (C39197)** (minn issa 'l quddiem imsejħa "s-Sekwestrata") ippreżentat fl-24 ta' Diċembru, 2014 fejn għar-raġunijiet hemm spjegati talbet ir-revoka tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju Nru. 1959/2014 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Mandat") ai termini tal-Artikolu

836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan stante li (i) waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m’għadhiex fil-fatt teżisti (l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12) u (ii) l-pretensjonijiet tas-sekwestranti mhumiex *prima facie* ġustifikati (l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12).

Rat ir-Risposta ta’ **DOM Communications Limited** (minn issa ‘il quddiem imsejħa “s-Sekwestranta”), ippreżentata fit-18 ta’ Marzu, 2015 fejn għar-raġunijiet hemm spjegati oġġezzjonat għat-talbiet kollha magħmula fir-Rikors għar-revoka tal-Mandat.

Rat l-atti kollha tal-Mandat u l-atti ta’ dan ir-Rikors.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi dan huwa rikors għall-ħruġ ta’ kontro-mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju abbażi tal-Artikolu 836(1)(b) u (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Tqis illi s-Sekwestrata qegħda ssejjes it-talba tagħha għall-ħruġ ta’ kontro-mandat fuq żewġ raġunijiet prinċipali:

(i) Is-Sekwestrata tisħaq illi abbażi tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta il-Mandat għandu jiġi revokat peress li s-Sekwestranta la kellha fil-mument tal-intavolar u la għandha issa l-interess ġuridiku f’dawn il-proċeduri minħabba n-nuqqas ta’ relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti;

(ii) Il-fatt li s-Sekwestranta qatt ma kienet ivvantatat ebda pretensjonijiet ta' danni fil-konfront tas-Sekwestrata qabel ma din tal-aħħar ħadet passi bil-Pulizija kontra Josef Grech, direttur tas-Sekwestranta u ntavolat proċeduri ċivili kontra s-Sekwestranta. Is-Sekwestrata ssostni għalhekk li l-Mandat sar b'ritaljazzjoni għall-proċeduri meħudin minnha kontra s-Sekwestranta u mhux għax din tassew sofriet danni u għaldaqstant il-Mandat mhuwiex *prima facie* ġustifikat.

**<u>L-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12</u>**

Is-Sekwestrata qegħda titlob ir-revoka tal-Mandat abbażi tal-Artikolu 836(1) (b) għax issostni li m'hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti kif erronjament premess mis-Sekwestranta u allura m'hemmx l-interess ġuridiku tas-Sekwestranta. Is-Sekwestrata ssostni li permezz tal-iskrittura datata 27 ta' Ottubru, 2014[1], is-Sekwestranta b'referenza għaż-żewġ ftehim tal-10 ta' Marzu, 2014, neżgħet mid-drittijiet u l-obbligi tagħha u ttrasferit dawn kollha fuq soċjetà kummerċjali oħra, totalment differenti bl-isem ta' Elite Printing Malta Limited (C67046). Is-Sekwestrata tgħid illi dan ifisser illi b'effett mis-27 ta' Ottubru, 2014, ma baqgħet teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti u jirriżulta għalhekk illi mhux ġustifikat illi l-Mandat jinżamm fis-seħħ.

Min-naħa tagħha s-Sekwestranta isostni li l-iskrittura in kwistjoni ma tistax titqies bħala novazzjoni u dan billi d-debitur il-ġdid mhuwiex firmatarju tal-istess skrittura.

[1] A fol. 8.

Tqis illi l-imsemmija skrittura fejn preżumibbilment iż-żewġ ftehim tal-10 ta' Marzu, 2014 ġew emendati biex Elite Printing Malta Limited tassumi l-obbligi ta' Dom Communications Limited fir-rigward ta' Office Group Limited ai termini tal-istess ftehim, mhijiex legalment valida peress li ma deher ħadd fuq l-istess skrittura għan-nom ta' Elite Printing Malta Limited biex jassumi dawn l-obbligi. Għaldaqstant it-talba għar-revoka tal-Mandat abbażi tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 għandha tiġi miċħuda.

**L-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12**

Tqis illi Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu qegħda tistrieħ is-Sekwestrata fit-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat, huwa msejjes fuq eżami *prima facie* li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le jew huwiex eċċessiv :

> *"l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> > *….*
> >
> > (d) *jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha

għandu jkun biss ta' *prima facie*[2]. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Govè et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*[3]

Tqis illi fl-ambitu tal-eżami *prima facie* li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami *prima facie*, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.

Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħrug ta' kontro-mandat wara l-aċċertament *prima facie* li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami *prima facie* li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn.

In ġustifikazzjoni tal-Mandat u tal-ammont ikkawtelat minnu s-Sekwestranta għamlet referenza għax-xhieda ta' Robert Micallef, rappreżentant tas-

[2] **J.V. & S. Developments Limited (C28790) vs. Scala Developments Limited,** PA deċiża 9 ta' Jannar 2012.

[3] Ara wkoll is-sentenza **Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**, PA deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003.

Sekwestrata mogħtija fl-10 ta' Marzu, 2015 fil-kawża dwar il-mertu[4] fejn skont is-Sekwestranta, dan stess ammetta li kien hemm ħsarat li qed jiġu riskontrati mis-Sekwestranta u dan fuq bażi ġornaliera.

Fil-verità Robert Micallef xehed:

> *"Qatt ma kien hemm ilment li (is-Sekwestranta) kienet qed isofri danni. Kien hemm każijiet u sitwazzjonijiet f'kull industrija li jkollha problemi tekniċi u li ħadna ħsiebhom u safejn naf jien, dejjem mexa u ħadem u dejjem ipprintja għax li kieku ma kinitx qed taħdem il-magna, ma kienx ħa jtella' kontijiet ta' ħmistax-il elf ewro fix-xahar, li huma relatati mal-printing, mal-użu tal-magna. Jiġifieri naħseb problemi tekniċi ma kienx hemm ta' danni għaliex il-magna kienet qed tintuża u dan prova tagħha hemm il-counter tal-magna stess u l-kontijiet fix-xahar tas-servizz li konna qed niċċarġjaw li huma clicks".*

Tqis illi tul din il-proċedura sommarja ta' eżami *prima facie,* is-Sekwestranta ma resqet ebda provi li jissostanzjaw il-pretensjonijet tagħha ta' danni f'xi ammont sostanzjali bħal m'huwa dak li ġie kkawtelat permezz tal-Mandat fis-somma ta' €189,105.87.

Mill-provi li ġew prodotti mis-Sekwestranta, ċjoè x-xhieda tat-*technicians* u impjegati oħra tas-Sekwestrata, jirriżulta li t-tiswijiet li saru mill-impjegati tas-Sekwestrata kienu dawk assoċjati ma' *normal wear and tear*, u li ma kien hemm l-ebda ħsarat serji li setgħu jostakolaw għal tul ta' ġranet l-attività ta' stampar li kienet qed twettaq is-Sekwestranta f'volumi kbar.

Fil-fatt jirriżulta mill-provi li ġew prodotti mis-Sekwestranta li s-servicing, il-maintenance, *normal wear and tear*, tibdil ta' *consumables* eċċ kienu jsiru pjuttost ta' spiss, proprju minħabba l-volumi kbar ta' printing li kienet qed

[4] A fol. 37 et seq. tal-proċess.

tagħmel is-Sekwestranta u mhux għax l-attivitajiet tagħha ta' stampar ġew ostakolati minn xi ħsarat fil-makkinarju.

L-ebda wieħed mis-seba' *Customer Service Reports* li ġew esebiti mis-Sekwestranta[5] ma jirreferi għal xi ħsarat li ma ġewx irranġati dakinhar stess li kienu ġew irrappurtati. Dawn il-*Customer Service Reports* kienu jinkludu rapport minnhom dwar demo lill-klijenti Libjani; rapport ieħor dwar stallazzjoni u konsenja ta' parti mill-makkinarju; tliet rapporti oħra dwar paper jam; u żewġ rapporti oħra dwar ħsarat li ssewwew f'temp ta' ftit sigħat.

Waqt ix-xhieda tiegħu Josef Grech ippreżenta lista ta' kotba[6] li allegatament kienu se jiġu stampati mis-Sekwestranta u li allegatament ma ġewx stampati minħabba l-ħsarat li ġarbet is-Sekwestranta fil-makkinarju mikri lilha mis-Sekwestrata. Fix-xhieda tiegħu Josef Grech ammetta li din il-lista ta' kotba, li tindika valuri ta' allegati danni u stimi ta' bejgħ li ma sarx minħabba l-allegati ħsarat, ma ġietx ikkompilata minnu imma minn ċerta Doreen Spiteri li ma ġietx imtella' tixhed bil-ġurament biex tikkonferma l-kontenut ta' din il-lista.

Tqis illi l-ftit kotba difettużi li ppreżenta Josef Grech waqt ix-xhieda tiegħu, ma jikkostitwixxu ebda prova ta' danni allegatament sofferti mis-Sekwestranta, 'il għaliex huwa normali fix-xogħol tal-istampar li l-ewwel runs fl-istampar ikunu ta' kwalità inferjuri minn dik rikjesta.

Tqis illi s-Sekwestranta ma resqet ebda prova *prima facie* ta' ħsarat serji, lil hinn minn *normal wear and tear*, li minħabba fihom kien hemm waqfien fil-produzzjoni tagħha. Is-Sekwestranta kellha volum qawwi ta' xogħol, u ma kien hemm ebda interruzzjoni fl-attivitajiet tagħha, għajr għal ftit sigħat sakemm is-

---

[5] A fol. 59 et seq. tal-proċess.

[6] A fol. 41.

Sekwestrata kienet tibgħat it-*technicians* tagħha li kienu jindirizzaw fil-pront rapporti ta' *wear and tear* li kienu jsiru mis-Sekwestranta.

Mill-provi li ġew imressqa mis-Sekwestranta, jirriżulta li qabel ma nbdew proċeduri legali kontra tagħha mis-Sekwestrata, hija qatt ma għamlet xi claim dwar danni li allegatament sofriet. Għal kuntrarju fl-iskrittura datata 27 ta' Ottubru, 2014[7], filwaqt li sar riferiment għas-somma dovuta mis-Sekwestranta lis-Sekwestrata, ma saret ebda riżerva jew riferiment mod ieħor għal danni allegatament sofferti mis-Sekwestranta minħabba l-allegati nuqqasijiet tas-Sekwestrata.

Mill-provi prodotti, jirriżulta *prima facie* wkoll illi s-Sekwestranta tant kienet sodisfatta bis-servizz mogħti lilha mis-Sekwestrata u li ma kellha ebda pretensjonijiet ta' danni fil-konfront tagħha, illi fis-27 ta' Otturbu, 2014 għamlet ordni ta' magna oħra li kienet tiswa €75,048.00.

Tqis illi wara li eżaminat il-kontenut tar-Rikors, u kif is-Sekwestranta wieġbet għar-Rikors, il-Qorti tikkonkludi li s-Sekwestrata rnexxilha turi li l-ammont mitlub fil-Mandat mhuwiex *prima facie* ġustifikat u li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ u li għalhekk jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jiġi revokat il-Mandat.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' t-talba tas-Sekwestrata għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1959/14 maħruġ fit-12 ta' Diċembru, 2014 fl-ismijiet Dom Communications Limited (C62617) vs**

[7] A fol. 8.

**Office Group Limited (C39197) kif dedotta fir-rikors tagħha tal-24 ta' Diċembru, 2014 ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ispejjez ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.**

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Digriet >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------